MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 914/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**RICHARD ATTARD**
**DUNCAN CEFAI**
**CHARLENE PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard Attard ta' 50 sena, bin Joseph u Mary nee' Bugeja, mwieled Paola, nhar id- 29 ta' Lulju 1958, u residenti gewwa Cumbria, Triq il- Gardjola Fgura, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 510158(M);

U lil

Duncan Cefai ta' 32 sena, iben Francis u Imelda nee' Caruana, mwieled Pieta fit- 23 ta' Jannar 1976, residenti gewwa Oasis, Triq Salvu Buhagiar, Marsascala u detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 86676M

U lil

Charlene Pace ta' 24 sena, bint Domenic u Carmen nee' Sammut, mwielda Pieta' fit- 28ta' Lulju 1984, residenti gewwa Rockap A, Triq il- Gdida, Luqa u detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 495784M

**Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;**

Talli bejn Jannar 2007 u Lulju 2008, gewwa Hal Luqa u dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bejn Jannar 2007 u Lulju 2008, f'hinijiet differenti tal- gurnata, gewwa Triq Hal Farrug, Luqa, ikkommettew serq minn gewwa l- kumpanija Polmesh Ltd. ghad- dannu tas- sidien u diretturi tal- istess kumpanija, liema serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil- persuna

2) U aktar talli fl- istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex gieghelu jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi folox, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qliegh ghal- valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ( € 2329.37) ghad- dannu tal- kumpanija Polmesh Ltd. u s- sidien u diretturi tal- istess kumpanija u persuni ohra

3) U aktar talli fl- istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamlu qliegh iehor b'qerq ghal- valur li jaqbez elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad- dannu tal- kumpanija Polmesh Ltd. u s- sidien u diretturi tal- istess kumpanija

4) U aktar talli fl- istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir minnha uzu specifikat

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;
Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, waqt l-esami taghhom ai termini tal-Artikoli 390 u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi;

Rat illi b'din l-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali netta tal-imputati;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jispjega l-involviment differenti tal-imputati f'dan ir-reat;

Rat illi qabel ma nghatat is-sentenza, l-imputati kienu lahqu hallsu lura parti mill-ammont dovut minnhom lis-socjeta' derubata, u li kien hemm skrittura ta' ftehim milhuq mal-imputati rigward modalita' ta' hlas tal-bilanc rimanenti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-involviment taghhom f'dan ir-reat hekk kif tressqu b'arrest quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront taghhom, izda intalab differiment qasir sabiex kemm l-imputati kif ukoll is-socjeta' derubata jilhqu ftehim bejniethom dwar modalita' ta' hlas ghar-rifuzjoni tal-flus hekk misruqa minnhom. Fil-mori intlahaq dan il-ftehim u sar pagament akkont mill-imputati kollha. Il-Qorti qieset sew il-kunsiderazzjonijiet kollha migjuba mill-avukati difensuri u mill-parte civile, u rat illi l-involviment taghhom f'dan ir-reat kien wiehed differenti ghal kull imputat, kif fil-fatt wiehed jista' jippresumi anke mid-differenzi fl-ammonti attribwiti lil kull imputat skond il-verbal tat-23 ta' Settembru 2008, mal-presentata, u kif wiehed jista' jiddeduci mill-kontenut tal-istqarrijiet tal-imputati esebiti fl-atti. Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti fadlilha biss tikkunsidra l-piena idoneja ghal kull imputat.

Bla dubju ta' xejn, il-persuna li kisbet l-akbar vantagg minn dan ir-reat hu l-imputat Richard Attard. Iz-zewg imputati l-ohra kienu boloh bizzejjed biex jidhlu komplici mieghu u idawwru ammont sinjifikanti ta' flus fi qligh qarrieqi ghalihom a skapitu tas-socjeta' derubata Polmesh. In vista tal-ammissjoni bikrija, tal-kooperazzjoni mal-Pulizija, tal-fedina penali netta taghhom, u tal-fatt li gia' kien hemm pagament ta' kwazi terz tal-ammont kollu dovut minnhom, il-Qorti ser tkun klementi mal-imputati billi l-piena ta' prigunerija ser tinghata fil-minimum taghha, u mhix ser tkun wahda effettiva izda tidhol fis-sehh biss jekk l-imputati iwettqu reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt li l-effetti ta' din is-sentenza jkunu sospizi. Il-Qorti inoltre sejra tordna lill-imputati Richard Attard u Duncan Cefai li jhallsu lura l-bilanc dovut minnhom sa mhux aktar tard minn sitt xhur mil-lum, u sejra torbothom b'ordni ghaldaqshekk permezz tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28H tal-Kap 9. Fil-konfront tal-imputata Charlene Pace din l-ordni ghall-hlas m'hix sejra ssir, peress illi l-parte civile iddikjara li intlahaq ftehim effettiv dwar ir-

rifuzjoni tal-bilanc dovut minnha, liema bilanc hu l-inqas wiehed dovut mit-tlitt imputati, u jirrifletti ukoll l-involviment taghha fit-twettiq ta' dan ir-reat. Il-Qorti rat ukoll li t-tlitt imputati fehmu l-izball kbir li ghamlu u li issa ghandhom kundanna ta' habs imdendla fuq rashom bhax-xabla ta' Damokle, u rat li ddispjacihom ferm tal-ghemil taghhom u li bezghu sew mill-konsegwenzi penali tal-agir illegali taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 293, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill imsemmijin imputati hatja.

Ghaldaqstant tikkundanna lil Richard Attard ghal terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin ai termini tal-Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000) bhala bilanc minn somma akbar fi zmien sitt (6) xhur ai termini tal- Artikolu 28 H tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti tikkundanna lil Duncan Cefai terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin ai termini tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000) bhala bilanc minn soma akbar fi zmien sitt xhur ai termini tal- Artikolu 28 H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti tikkundanna ukoll lil Charlene Pace terminu ta' tmintax – il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------